C/2026/4983

25.9.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12602 — AP / GERRESHEIMER PRIMARY PACKAGING PLASTICS BUSINESS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4983)

1. Fil-15 ta' Settembru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Apax Partners LLP ("AP", ir-Renju Unit),

— In-negozju tal-imballaġġ tal-plastik primarju ("PPP") ta' Gerresheimer AG (il-Ġermanja) (il-"Mira").

AP se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tal-Mira.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— AP hija soċjetà b'responsabbiltà limitata u l-kumpanija omm ta' għadd ta' entitajiet, li tipprovdi servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment lil fondi ta' ekwità privata li jinvestu f'firxa ta' setturi tal-industrija,

— Il-Mira hija n-negozju primarju tal-imballaġġ tal-plastik ta' Gerresheimer AG, iffukat fuq is-sistemi ta' kontenitur u għeluq tal-plastik għall-applikazzjonijiet farmaċewtiċi u tal-kura personali/kożmetiċi, kif ukoll għall-vitamini, il-minerali u s-soluzzjonijiet supplimentari.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) jenħtieġ jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12602 — AP / GERRESHEIMER (PRIMARY PACKAGING PLASTICS BUSINESS)

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË